# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2017

**Kawża Numru 8**

**Rik. Nru. 381/08JRM**

Emanuel u Marthese konjuġi **CUTAJAR**

vs

**PETER PLANT LIMITED (C – 24242)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-17 ta' April, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) issib li l-kumpannija intimata talbet il-ħruġ kontrihom ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Numru 2133/02 b'ħażen, u li dik it-talba kienet waħda fiergħa u maħsuba biss biex iddejjaqhom; (ii) tillikwida d-danni li huma ġarrbu minħabba dak li għamlet il-kumpannija mħarrka; u (iii) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallashom penali u d-danni kif likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż, magħduda dawk ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ minnhom, u wkoll l-imgħaxijiet legali b'seħħ minn dakinhar li fetħu din il-kawża;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka fid-9 ta’ Mejju, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b’mod preliminari, qalet li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex l-artikoli 836(8) u (9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta jgħidu li proċedura taħt dawk l-artikoli trid titmexxa b’Rikors u mhux b’Rikors Maħluf (kif sar f’dan il-każ) u wkoll għaliex ir-rimedji tal-għoti tal-penali (taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap 12) u tal-kundanna għall-ħlas tad-danni (taħt l-artikolu 836(9) tal-Kap 12) ma jistgħux jintalbu flimkien (kif sar f’dan il-każ) imma jew il-waħda jew l-oħra. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li hija kienet kanonizżata bħala kreditriċi tal-attur u sallum ma kienx għadu ħallasha u l-ħruġ tal-Mandat ma sarx b’ħażen u lanqas b’mala fidi, imma bi dritt skond il-liġi biex tħares il-pretensjonijiet li kellha kontra l-attur u li dak il-ħruġ kien għemil leġittimu ta’ dritt tagħha;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-21 ta’ Mejju, 2008[1], li bih il-kumpannija mħarrka irtirat l-ewwel eċċezzjoni (preliminari) tagħha;

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-partijiet;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta’ Frar, 2010[2], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija ċaħdet talba magħmula minn PPL b’rikors tagħha tal-5 ta’ Jannar, 2010, biex torbot lill-atturi bl-għoti ta’ garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta’ Diċembru, 2010, li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-3 ta’ Frar, 2011[3];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-28 ta’ April, 2011[4], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta’ Frar, 2012[5], li bih ċaħdet talba magħmula minn PPL b’rikors tagħha tal-1 ta’ Settembru, 2011, biex tibdel il-fehma mogħtija fid-degriet tagħha tas-26 ta’ Frar, 2010;

---

[1] Paġ. 35 tal-proċess
[2] Paġ. 199A tal-proċess
[3] Paġġ. 219 sa 228 tal-proċess
[4] Paġġ. 235 – 8 tal-proċess
[5] Paġ. 245A tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Diċembru, 2016[6], li bih ċaħdet talba oħra ta' PPL b'rikors tagħha tal-1 ta' Novembru, 2016, biex timponi rabta ta' garanzija fuq l-atturi għall-finijiet tal-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Din hija azzjoni għall-ħlas tad-danni u penali wara ħruġ ta' Mandat kawtelatorju. L-atturi jgħidu li bil-ħruġ min-naħa tal-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "PPL") ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Mandat"), huma ġarrbu danni. Jgħidu li PPL għamlet hekk b'ħażen u b'mod fieragħ u maħsub biss biex idejjaqhom u jagħmlilhom ħsara. Għalhekk iridu li l-Qorti tikkundanna lil PPL biex tħallashom penali taħt l-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll tillikwida d-danni għall-ħsara li ġarrbu taħt l-artikolu 836(9) tal-istess Kodiċi;

Illi għal din l-azzjoni, PPL laqgħet b'eċċezzjoni preliminari (li rtiratha fl-ewwel smigħ) u b'eċċezzjonijiet fil-mertu. Hija tisħaq li l-Mandat ħarġitu biex tħares il-pretensjonijiet leġittimi tagħha wara li kienet fittxet lill-attur għall-ħlas ta' xogħol sub-appaltat lilha u li tiegħu baqa' ma ħallashiex. Tgħid li hija għamlet dan b'ħarsien tal-jeddijiet tagħha fil-liġi u ma tistax għalhekk titqies li mxiet b'mala fidi jew b'mod kapriċċuż. Tgħid ukoll li l-atturi ma jgħidux fiex jikkonsistu d-danni li jallegaw li ġarrbu;

Illi l-<u>fatti tal-każ</u> li dwaru l-atturi qajmu l-ilmenti tagħhom juru li PPL kienet tqabbdet mill-attur biex tqatta' blat b'appalt fil-Marsa u f'Ħal Lija. Inqalgħu kwestjonijiet dwar kemm tqatta' blat u kemm kellha tkun ir-rata tal-ħlas. F'Ġunju tal-2001, PPL fetħet kawża[7] lill-attur biex iħallasha dak li kien dovut lilha għax-xogħol imwettaq;

Illi fit-28 ta' Novembru, 2001[8], HSBC Bank Malta p.l.c. kien talab lil din il-Qorti biex tawtorizża l-bejgħ b'irkant ġudizzjarju tal- appartament fi stat ta' ġebel u saqaf li jġib in-numru wieħed (1) li jagħmel minn blokka ta' bini bla isem u bla numru fi Triq l-Għarkux (*Recte:* Għakrux), fix-Xgħajra, limiti ta' Ħaż-Żabbar, li kien ġid tal-atturi. Din it-talba (Subb. 108/01)

[6] 273 *tergo* tal-proċess
[7] Ċitazz. Nru. 1016/01GCD
[8] Dok "Ħ", f'paġġ. 159 sa 169 tal-proċess

saret b'eżekuzzjoni ta' kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-8 ta' Ottubru, 1999;

Illi fil-15 ta' Mejju, 2002, PPL kienet talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (Nru. 1005/02) kontra l-atturi biex iżżommhom milli b'xi mod ibiegħu l-imsemmi appartament b'ħarsien tal-pretensjonijiet tagħha fil-kawża li kienet fetħet kontra l-attur. It-talba ntlaqgħet b'degriet tat-22 ta' Mejju, 2002[9];

Illi l-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju tal-appartament tax-Xgħajra nżamm fil-bini tal-Qorti fit-8 ta' Ottubru, 2002[10], u dakinhar ingħalaq billi ntlaqgħet l-ogħla offerta għall-prezz ta' erbatax-il elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm 14,500) magħmula minn Josephine Bonello u Antoine Cassar;

Illi fit-23 ta' Ottubru, 2002[11], PPL talbet u kisbet il-ħruġ tal-Mandat kontra l-atturi għal 'sorte' ta' għaxart elef Lira Maltin (Lm 10,000[12]) u b'ħarsien tal-pretensjonijiet tagħha fil-kawża miftuħa minnha. Il-Mandat inħareġ fil-konfront ta' żewġ sekwestratarji – jiġifieri, l-*Accountant General* u r-Reġistratur tal-Qrati;

Illi fit-28 ta' Ottubru, 2002[13], l-imsemmija Josephine Bonello u Antoine Cassar iddepożitaw b'Ċedola ta' Depożitu (Nru. 1121/02) taħt l-awtorita' tal-Qorti s-somma ta' erbatax-il elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm 14,500) wara li kisbu l-appartament fix-Xgħajra, limiti ta' Ħaż-Żabbar bis-saħħa ta' bejgħ f'irkant ġudizzjarju li sar fit-8 ta' Ottubru, 2002. Dakinhar stess, l-atturi kienu ressqu Nota fl-atti tal-istess Ċedola biex juru li s-somma hekk depożitata setgħet tkun żbankata, fl-ammonti msemmija fl-istess Nota, miż-żewġ banek kredituri tagħhom[14];

Illi ladarba l-Mandat maħruġ minn PPL kien indirizzat lir-Reġistratur tal-Qrati bħala wieħed mis-sekwestratarji, il-flus depożitati fl-imsemmija Ċedola ntlaqtu bil-Mandat;

Illi fl-2003, HSBC Bank Malta p.l.c. ressqet talba quddiem din il-Qorti biex jinfetaħ il-konkors tal-kredituri kontra l-atturi f'din il-kawża (Rik. Nru. 693/03). L-atturi ma kinux opponew għall-iżbank[15]. B'degriet mogħti fit-3 ta' Mejju, 2005[16], dik il-Qorti laqgħet it-talba u awtorizzat lil tnejn mill-konkorrenti (it-tielet waħda kienet PPL, imma l-kreditu tagħha ma kienx għadu kanonizzat) biex jisbankaw is-somma li kienet ġiet depożitata fil-

---

[9] Dok "Ġ", f'paġġ. 51 – 7 tal-proċess
[10] Ara Dok "Ħ", f'paġ. 168 tal-proċess
[11] Dok "Ċ", f'paġġ. 16 sa 23 tal-proċess
[12] Li jġibu € 23,293.73 fi flus tal-lum
[13] Dok "B" f'paġġ. 11 – 4 tal-proċess
[14] Ara Dok "F", f'paġ. 46 tal-proċess
[15] Dok "F", f'paġ. 42 tal-proċess
[16] Dok "D", f'paġġ. 25 – 7 tal-proċess

Qorti biċ-Ċedola Numru 1121/02 tat-28 ta' Ottubru, 2002. L-ammont kien żbankat fit-2 ta' Awwissu tal-2005;

Illi l-kawża mibdija minn PPL kontra l-attur inqatgħet b'sentenza tas-6 ta' Marzu, 2007[17], u li biha l-attur kien kundannat iħallas lil PPL is-somma ta' tlitt elef ħames mija u tlieta u sittin Lira Maltija u disgħa u erbgħin ċenteżmi (Lm 3,563.49[18]). Is-sentenza għaddiet f'ġudikat;

Illi fis-17 ta' April, 2008, l-atturi fetħu din il-kawża, u dakinhar ukoll talbu u kisbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra PPL (Sek. Nru. 564/08) għall-ammont ta' disgħa u tletin elf euro (€ 39,000) bħala ammont likwidat għall-finijiet tal-istess Mandat dwar "danni u penali li sofrew ir-rikorrenti in segwitu għall-ħruġ b'malizja, frivola jew vessatorju tal-Mandat ta' Sekwestru nru. 2133/02"[19];

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ li l-Qorti għandha quddiemha jitolbu li wieħed japprezza r-raġunijiet u ċ-ċirkostanzi maħsuba fil-liġi biex azzjoni bħal din tista' tirnexxi. Huwa ċar li l-ħsieb wara rimedju bħal dan huwa biex l-użu tal-arma fejjieda tal-ħruġ ta' Mandati kawtelatorji ma jinbidilx f'abbuż bi ħsara għall-parti li tkun intimata f'atti ġudizzjarji bħal dawk. Min-natura tiegħu, Mandat kawtelatorju huwa maħsub biex iħares pretensjoni tal-kreditur li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, tkun minnu dedotta f'kawża u sakemm tinqata' dik il-kawża bil-għan li, f'każ li l-kawża tinqata' favurih, ikun jista' jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv fuq il-ġid tad-debitur eżekutat li jkun intlaqat b'Mandat bħal dak. Iservu wkoll biex l-istess debitur ma jilħaq jagħmel xejn bi ħwejġu biex iġib fix-xejn il-possibilita' tal-eżekuzzjoni tal-eventwali titolu min-naħa tal-kreditur tiegħu;

Illi għar-rigward tal-azzjoni attriċi immirata għall-kundanna ta' PPL għad-danni minħabba u b'konsegwenza ta' ħruġ tal-Mandat, kollox irid jitqiegħed fil-qafas ta' żewġ prinċipji ewlenin: l-ewwel wieħed huwa dak li min jirrikorri għal jedd li għandu ma jitqiesx li hu responsabbli għal ħsara mġarrba minn ħaddieħor minħabba l-użu xieraq ta' dak il-jedd ("*qui suo jure utitur neminem laedere videtur*")[20]; it-tieni wieħed huwa dak li l-jedd li wieħed ifittex ir-rimedji tiegħu billi jirrikorri għall-awtorita' ġudizzjarja, minflok jieħu l-liġi b'idejh, m'għandux jiġi mxekkel bla bżonn;

Illi l-Qrati tagħna dejjem għarfu wkoll li l-jedd li wieħed idur għal rimedji ġudizzjarji ma għandux jitbiddel f'abbuż tal-proċedura bil-ħsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragħ, iġib lill-parti avversarja f'qagħda li jkollha ċċedi għar-rikatt, għandha jew m'għandhiex raġun. Kien għalhekk ukoll li fil-

[17] Dok "A", f'paġġ. 7 – 9 tal-proċess
[18] Li jġibu € 8,300.70 fi flus tal-lum
[19] Dok. f'paġġ. 183 – 4 tal-proċess
[20] Art. 1030 tal-Kap 16

qafas ta' kwestjonijiet ta' din l-għamla, il-Qrati tagħna, minn żmien għal żmien, fissru l-limiti u ċ-ċirkostanzi dwar fejn u kif jista' jitqies li jkun seħħ abbuż mill-proċess ġudizzjarju bi ħsara għal ħaddieħor. F'dan id-dawl ta' min jgħid li "*non era necessario che chi faceva istanza per la spedizione di un mandato cautelatorio avesse effettivamente* ***il diritto*** *che egli intendeva cautelare,* ***essendo sufficiente che egli in buona fede credesse avere un simile diritto****, al che rispondeva la parola 'pretensione'*"[21];

Illi għalhekk, il-fatt waħdu li persuna tkun bdiet proċedura (magħduda magħha l-ħruġ ta' Mandati biex jikkawtelaw dik l-azzjoni) li, wara l-istħarriġ tal-Qorti, ma tiġix milqugħa, ma jfissirx b'daqshekk biss li kull proċedura kienet saret b'abbuż tad-dritt li tirrikorri lejn il-Qorti[22];

Illi, ġeneralment, l-abbuż mill-proċedura ġudizzjarja jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha[23]. Fejn ikun hemm element ta' aġir fieragħ fi proċedura ġudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju[24]. F'dan ir-rigward ingħad li għalkemm ir-raġunijiet li għalihom min ikun talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju jista' jinsab ħati għad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taħt ir-regoli ġenerali tar-responsabbilta'[25] irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[26];

Illi huwa magħruf ukoll li Mandat kawtelatorju jinħareġ bir-responsabbilta' ta' min ikun talbu u jista' hekk jintalab bil-ħsieb li jqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha mingħajr ma huwa meħtieġ li qabel ikun hemm deċiżjoni[27];

Illi l-Qorti tqis li l-azzjoni attriċi tirrigwarda l-Mandat u mhux xi Mandat ieħor li PPL ħarġet kontrihom, għalkemm fis-sottomissjonijiet tal-għeluq l-atturi jidher li jirreferu wkoll għall-Mandat ta' Inibizzjoni[28]. Il-Qorti hija marbuta bit-talbiet attriċi u l-ewwel talba attriċi tirreferi biss għall-Mandat u mhux għal xi Mandat ieħor, u għalhekk trid tqis il-kwestjoni biss fir-rigward ta' dak il-Mandat;

Illi l-Qorti tagħraf li PPL ħarġet il-Mandat biex tħares pretensjoni li diġa' kien kellha kontra l-attur permezz ta' kawża li kienet fetħet minn tal-

[21] App. Ċiv. **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)
[22] Kumm. **24.1.1895** fil-kawża fl-ismijiet ***Denaro vs Page noe*** (Kollez. Vol: **XV.34**)
[23] App. Ċiv. **10.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Grima*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.24**)
[24] App. Ċiv. **26.1.1926** fil-kawża fl-ismijiet ***Mugliette vs Beżżina*** (Kollez.Vol: **XXVI.i.405**)
[25] Artt. 1031u 1032(1) tal-Kap 16
[26] P.A. TM **18.9.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[27] Art. 829 tal-Kap 12
[28] Ara §§ 21 – 2 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom f'paġ. 224 tal-proċess

anqas sena qabel. Maż-żmien dik il-pretensjoni kienet magħrufa bis-saħħa ta' sentenza li saret ġudikat u li sabet li PPL kienet tabilħaqq kreditriċi tal-attur, għalkemm f'somma anqas minn dik li kienet tippretendi l-istess PPL kemm fil-kawża nnifisha u kif ukoll fil-Mandat. Mill-provi, ħareġ ukoll li sallum PPL baqgħet ma tħallsitx lanqas l-ammont kanoniżżat;

Illi meta nħareġ il-Mandat ma kien għadu sar l-ebda depożitu ta' flus mill-bejgħ b'irkant tal-appartament tal-atturi. Għalhekk ma setax ikun li PPL imxiet b'mala fidi biex torbot il-flus tal-liberazzjoni li saret biss b'Ċedola xi jiem wara. Lanqas ma jgħidu sewwa l-atturi li l-Mandat kellu biss sekwestratarju wieħed, għaliex mill-atti tal-kawża joħroġ ċar li wieħed mis-sekwestratarji tal-Mandat kien l-*Accountant General*;

Illi l-atturi jqisu li l-fatt li PPL ressqet il-pretensjonijiet tagħha fil-Konkors tal-kredituri tal-istess atturi jixhed kemm PPL imxiet magħhom b'mod fieragħ u bil-għan waħdieni li ddejjaqhom. Huma jqisu li kien minħabba fl-oppożizzjoni ta' PPL biex isir l-iżbank tas-somma (ta' LM 14,500) imqiegħda bis-saħħa taċ-Ċedola ta' Depożitu 1121/02 li kellu jinbeda l-proċess tal-Konkors tal-kredituri, għaliex jgħidu li, mingħajr dik l-oppożizzjoni, il-kredituri ma kienx ikollhom għalfejn jirrikorru għal proċedura bħal dik u l-iżbank kien isir kif miftiehem u dan bla ma jkun hemm bżonn id-dewmien tal-proċeduri tal-Konkors. Minbarra dan, l-atturi jżidu jgħidu li PPL kienet taf li l-pretensjonijiet tagħha fil-Konkors kienu bla siwi, ladarba l-kreditu tagħha ma kienx għadu ġie kanoniżżat u ladarba ż-żewġ konkorrenti l-oħrajn – iż-żewġ banek kummerċjali – kellhom krediti li mhux biss kienu jiggradwaw qabel tagħha, imma kienu saħansitra krediti privileġġati;

Illi jidher li l-pern kollu tal-argument tal-atturi hu fis-sens li, minħabba ż-żmien li ttieħed bejn meta sar id-depożitu tal-prezz tal-irkant ġudizzjarju (28 ta' Ottubru tal-2002) u d-data meta l-fondi kienu żbankati (2 ta' Awwissu, 2005), il-kredituri tagħhom kienu addebitawhom b'imgħaxijiet fuq il-bilanċi għad-debitu li kellhom mal-istess banek kredituri tagħhom. L-atturi jgħidu li, kieku PPL ma webbsitx rasha u ġiegħlet lill-kredituri jirrikorru għall-Konkors, kieku l-iżbank kien isir qabel u l-kredituri tagħhom ma kinux jgħabbuhom bl-imgħaxijiet li laħqu nġemgħu matul iż-żmien li l-konkors kien dam għaddej;

Illi f'dan ir-rigward, l-atturi jgħidu sewwa li PPL ma kenitx tgawdi minn kreditu kanoniżżat jew li jiggradwa aqwa minn ta' kredituri oħrajn. Imma dan il-fatt waħdu jissarraf f'mala fidi? Il-Qorti tifhem li min, bħal PPL, jirrikorri għal proċedura bit-tama li jitħallas għall-kreditu li jkollha kontra debitur tagħha, ma jistax jitqies li jkun qiegħed jimxi b'mala fidi u anqas u

anqas b'mod fieragħ[29]. Dan jingħad b'mod partikolari, jekk kemm-il darba jibda jidher li d-debitur (bħalma kien l-attur f'din il-kawża) ma jagħmel xejn biex jissalda l-kreditu li jkun ġie kanoniżżat kontrih jew jagħti x'jifhem li ma jkollux ġid biex bih jista' jesegwixxi l-kreditu li jkun magħruf b'titolu eżekuttiv (sentenza). Din iċ-ċirkostanza kienet saret ċara lill-istess atturi sa minn qabel ma nfetħet din il-kawża, għaliex sa dakinhar il-pretensjoni ta' PPL kontra l-attur kienet magħrufa u kanoniżżata b'sentenza li saret ġudikat;

Illi l-atturi jisħqu wkoll fuq il-fatt li biċċa biss mill-pretensjoni li PPL kellha kontra l-attur kienet intlaqgħet mill-Qorti fis-sentenza mogħtija u li dan jixhed li PPL kienet qiegħda tneffaħ il-pretensjonijiet tagħha wkoll fil-Mandat minnha maħruġ. Dan l-argument jista' jkollu xi siwi li kieku ntwera li l-pretensjoni fil-Mandat u dik fil-kawża ma kinux jaqblu. Imma ħareġ li meta PPL ħarġet il-Mandat, kienet qiegħed torbot il-kawżali tal-Mandat mal-pretensjonijiet li kienet għamlet fil-kawża (jiġifieri għaddet is-"sorte" mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet). B'dan il-mod, ma kien hemm xejn li jista' jitqies bħala abbużiv jew vessatorju[30];

Illi ladarba l-kwestjoni ddur mal-aspetti tad-danni u l-għamla ta' responsabbilta' li ġġib magħha, jrid jingħad ukoll li huwa daqstant ieħor prinċipju aċċettat li d-danneġġat huwa mistenni li jagħmel kulma jista' biex inaqqas id-dannu li jgħid li jkun ġarrab. B'mod partikolari, f'din il-kawża, l-atturi ma wrewx li, minkejja li PPL baqgħet iżżomm fis-sħiħ il-Mandat, huma nqdew bir-rimedju li tagħtihom il-liġi biex jitolbu li l-Mandat jitħassar. Ta' min jgħid li waħda mill-kawżali magħrufa fil-liġi[31] tirrifletti sewwasew il-pretensjonijiet tal-atturi f'din il-kawża, u jiġifieri li l-Mandat ma kienx raġonevoli li jibqa' fis-seħħ għaliex min ħarġu għamel hekk b'mod kapriċċuż jew għal raġuni fiergħa. B'dak ir-rimedju, l-atturi setgħu ġabu b'ordni ta' Qorti dikjarazzjoni li l-Mandat jitħassar, li kieku tabilħaqq kienu jeżistu l-estremi msemmija. Madankollu, ma jidhirx li l-atturi irrikorrew għal dak ir-rimedju. F'din l-imġiba, il-Qorti tara li l-atturi kienu qegħdin jagħrfu li PPL ma kenitx talbet il-ħruġ tal-Mandat b'mod abbużiv jew b'mala fidi;

Illi mill-provi ħareġ ukoll li PPL ma ħarġitx il-Mandat u baqgħet tistenna l-bajtra taqa' f'ħalqha. Hemm xhieda li turi[32] li PPL ippruvat tasal f'arranġament mal-attur biex l-ammont li kien kanoniżżat bis-sentenza mogħtija kontrih jagħmlu xogħol għal PPL u b'hekk jinqata' minn dak id-dejn b'dak il-mod. L-attur ukoll ma wettaqx dik l-opportunita' biex wera li ma kellu l-ebda ħajra li jinħeles minn dak li kien obbligat iwettaq u

[29] Ara P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[30] F'dan ir-rigward ara P.A. JZM **8.3.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Borġ vs Frans Borġ*** (mhix appellata) u r-riferenzi hemm imsemmija
[31] Art. 836(1)(f) tal-Kap 12
[32] Xhieda ta' Peter Montebello f'paġġ. 176F u 210 tal-proċess

jissalda. Hemm regola oħra li l-ġurisprudenza tagħraf u li tgħid li ħadd ma jistenna li jikseb xi jedd min-nuqqasijiet tiegħu nnifsu ("*nemo ex turpitudo eius oritur jus*"). Fil-każ tal-lum, jidher li dan jgħodd mhux ftit għall-attur eżekutat;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tasal biex tilqa' l-argument ta' PPL li hija riedet tagħmel kulma kien meħtieġ u mogħti lilha bil-liġi biex tassigura li dak li huwa dovut lilha jitħallas u tiġbru mingħand min kellu jagħtihulha. Ma jonqosx li ċ-ċirkostanzi li PPL sabet ma' wiċċha ma kinux faċli, minħabba li d-debitur tagħha kien f'qagħda finanzjarja mwiegħra. Għalhekk, il-Qorti ma tistax taqbel mal-atturi meta jgħidu li l-ħsieb wara l-ħruġ tal-Mandat kien biss wieħed li jixhed abbuż mill-proċess ġudizzjarju jew li nħareġ għal raġuni li ma teżistix;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li ma ntweriex mill-atturi sal-grad mistenni minnhom mil-liġi li PPL għandha twieġeb għal xi danni minnhom pretiżi għaliex meta nqdiet bir-rimedji mogħtijin lilha mil-liġi ma kenitx qiegħda tagħmel dan b'mod emulattiv, iżda fuq is-saħħa ta' pretensjoni konkreta u eżistenti. Lanqas ma jeżistu l-estremi tal-kundanna għall-ħlas tal-penali taħt l-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 għaliex l-ebda waħda mill-erba' (4) ċirkostanzi maħsuba f'dik id-dispożizzjoni tal-liġi ma tirriżulta. Għall-kuntrarju, seta' kien il-każ li l-qagħda finanzjarja mwiegħra tal-attur ixxejjen kull raġuni għall-impożizzjoni tal-penali li huwa qiegħed jitlob li PPL tkun kundannata tħallsu[33]. Għalhekk, l-ewwel talba attriċi ma tidhirx li hija mistħoqqa u b'hekk mhix sejra tintlaqa'. F'kull każ, il-kundanna tal-penali taħt l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi ma hijiex effett awtomatiku li l-Qorti trid tapplika tabilfors, imma huwa eżerċizzju ta' diskrezzjoni li jqis iċ-ċirkostanzi minn każ għal ieħor[34];

Illi ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma dwar l-ewwel talba attriċi, ma jifdal l-ebda ħtieġa li tqis it-talbiet l-oħrajn li jiddependu għas-siwi tagħhom milli l-ewwel talba tintlaqa'. Għalhekk, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' lanqas it-tieni u t-tielet talbiet attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka ma kisritx il-liġi bil-ħruġ min-naħa tagħha tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-Numru 2133/02, u lanqas għamlet dan b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew vessatorja;

---

[33] Art. 836(8)(ċ) tal-Kap 12
[34] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Ltd vs Dr. Lillian Calleja Cremona***

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi ma hemm l-ebda raġuni għalfejn din il-Qorti tikkundanna lill-kumpannija mħarrka u la biex tħallas penali lill-atturi u lanqas biex tħallashom danni minħabba l-għażla tagħha li toħroġ il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi;

**Tiċħad it-tielet talba attriċi** billi din hija konsegwenzjali għat-talba ta' qabilha;u

**Tordna** li l-atturi jħallsu l-i**spejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**29 ta' Marzu, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**29 ta' Marzu, 2017**